

# Ġanna Falzon (tal-Ġenwiża.)

*Kan. Dun Ġorġ Spiteri*



Ġanna Falzon

Waħda mill-personaġġi Żwieten li baqgħet tissemma mhux biss hawn iż-Żejtun iżda f'ħafna nħawi f'Malta hija bla dubju Ġanna Falzon li kienet hi li bdiet id-dolċerija tal-Ġenwiża. Ġiovanna kienet bint Ġużeppi u Carmela Sciberras. Twieldet fis-16 ta' Settembru. 1897. Kif jafu ħafna anke jien stess kienet u għadha magħrufa għat-tjubija ġenwina tal-biskuttini tagħha.

Skond informazzjoni li tatni n-neputija tagħha Rita Falzon, missier Ġanna kellu ħanut tat-te l-pjazza taż-Żejtun qrib fejn hemm il-ħanut tal-American. Darba mar raġel fqajjar fil-ħanut ta' Ġużeppi u tgħidx kemm kien ferħan għax kien għadu kif sar missier iżda fl-istess ħin imnikket għaliex ma kellux flus biex jagħmel il-festin tal-magħmudija. Għalhekk missierha staqsieha biex tagħmillu ftit biskuttini tar-raħal u ftit tal-lewż morr. Minn dan l-att ta' karità li Ġiovanna għamlet Alla ried li tinxtered il-kelma ma' ħafna nies fuq il-benna ta' dak il-ħelu li hi bdiet tagħmel, tant li kull ġimgħa kien ikollha lista ta' ordnijiet għall-magħmudija. Kien ilu jisma' lill-klijenti tiegħu jixtiequ xi ħaġa tajba għal mat-te jew mal-kafè. Dan kien jaf li bintu Ġanna tħobb issajjar tajjeb u għalhekk dar lejha għal xi għajnuna. Ġiovanna dak iż-żmien kienet għadha xebba u tħajret tmur titgħallem għand ta' Bonaci. Kien propju wieħed Sqalli li għallem tajjeb is-sena tal-ħelu. Hekk hu tant li tgħallmet sewwa ħafna għax darba lil missierha għamlitlu xi qagħaq u dawn intgħoġbu ħafna mill-klijenti tal-ħanut ta' missierha. Dan reġa' qallha biex tagħmillu aktar u din għamlet xi ftit ieħor u bdiet iżżewwaq b'xi kejk u xi ħelu ieħor. Ftit ftit bdiet iżżid sakemm in-negozju beda jikber. Daħħlet magħha xi lavranti u wara anke ħutha daħlu sħab magħha. Hekk bdiet id-dolċerija tal-Ġenwiża. Il-ħelu li bdiet tagħmel kellu togħma bnina wuunika tant li barra ż-Żwieten bdew jixtru l-prodotti tagħha anke nies minn ħafna nħawi ta' Malta. Il-fama tat-tjubija tal-pasti u l-biskuttini bdiet tinxtered mal-pajjiż kollu. Qed insemmu xi sebgħin jew tmenin sena ilu meta wara li l-għarajjes ikunu żżewġu l-knisja kienu jagħmlu ikla d-dar fejn ikun hemm il-mistednin. Hekk tal-Ġenwiza kellhom l-apparat kollu meħtieġ biex isajru l-ikel u l-ħelu fid-dar stess tal-għarajjes.

Wara ftit snin bdiet dieħla l-użanza tas-swali. Hekk aħna ż-Żejtun kelna xi tliet swali tat-tiġien. Waħda Bir id-Deheb, id-Domus u s-Sala Alexandria. Jiena min jaf kemm mort tiġien f'dawn it-tliet swali. L-ors tiegħi kien niekol il-biskuttini tal-Ġenwiza. U għadni sal-lum intiegħom it-togħma tagħhom.

**Min hi Ġiovanna Falzon?**

Ġiovanna xebba Bonnici twieldet iż-Żejtun. Ħut Ġiovanna kienu Elena, Angelo, Vincenza u Karmenu. L-aħwa Bonnici kienu ftit jew ieħor imdaħħla ma' oħthom Ġanna fin-negozju tal-ħelu. Hekk tant beda jikber in-negozju tant li bdew jaħdmu għal ħafna tiġijiet mhux biss għaż-Żwieten iżda għal ħafna koppji oħrajn minn madwar Malta. Mhux hekk biss, iżda żdiedu l-*parties* tal-magħmudijiet kif wkoll praċetti u griżmi tat-tfal.

S'intendi l-ħanut tagħhom kien f'Main Street kif nafuha aħna t-Triq tal-Parenta. Meta Ġanna kibret iżżewget lil Ġuzeppi Falzon fejn kellhom sitt itfal kollha subien. Ġanna kienet mara twajba ta' kuxjenza u valuri Nsara. Qatt ma kienet tfalli l-knisja



Ritratt ta' Ġanna u Ġużeppi Falzon





tant li jgħidu li xtaqet it-tfal kollha tagħha jsiru sacerdoti, tant li wieħed minn uliedha, Grezzju, sar saċerdot u kien magħruf għall-intelliġenza tiegħu, tant li kien jaf jitkellem b'ħafna lingwi. Illum Grezzju jgħix l-Amerika u għandu 87 sena. Ġanna rabbiet il-familja waħedha għax żewġha Ġużeppi miet f'età żgħira.

**Ġanna u Ġużeppi Falzon**

In-neputija tagħha Rita, it-tifla ta' binha Pawlu, tirrakkonta li darba kellha żewġ tilari lesti bil-pasti tal-lewż morr u kilitilha l-lewż u ċ-ċirasa li kellhom fuqhom bħala tiżjin. Rita tgħid "Tgħidx kemm domt ngħid rużarji magħha biex inpatti għal dan l-iżball li għamilt".

Peress li ħadd minn uliedha ma ried ikompli bit-dolċerija daħal għaliha Karmenu Bonnici, fejn wara xi żmien kompla ibnu Ġużeppi. Xorta waħda l-benna tal-biskuttini, il-pasti u l-ġelat ma tilfux mit-togħma bnina u unika. Jiena kont kważi minn tal-aħħar li meta ordnajt saċerdot ħdimt it-tlett ijiem *at home,* għalkemm kienu fis-sala Alexandria, għand Ġuzeppi tal-Ġenwiza. Wara xi żmien qasir il-dolċerija tal-Ġenwiża għalqet il-bibien tagħha għall-aħħar darba.

Veru ħasra ma bqajniex induqu l-biskuttini tajbin tal-Ġenwiża. Naħseb ħafna Żwieten jaqblu miegħi. Forsi min jaf fejn qegħdin dawk ir-riċetti. Jgħidu li Giovanna kienet taħdem l-għaġina bl-



*It-Tieġ ta' Pawlu it-tifel ta' Ġanna*

idejn u xogħol ieħor ta' intrita u mili b'hekk ix-xogħol kien ikun tajjeb. Ma kellhiex magni u kollox kien ikun ġenwin.

Ġiovanna Falzon mietet fl-10 ta' April 1977. Kellha xi 79 sena. Hemm ħafna xi tgħid fuq Ġanna tal-Ġenwiza imma impossibbli tikteb kollox. Jalla l-ħajja ta' Ġanna Falzon tispira ħafna żgħażagħ jagħżlu jitgħallmu l-arti tal-ħelu. Li kieku kelli niltaqa' ma' Ġanna fil-ħajja l-oħra ngħidilha biex iddewwaqni dawk il-biskuttini tajbin.


*NB: Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil Rita Falzon u Irene Debattista li għenuni nikteb dan l-artiklu.*





Fl-Uffiċċju Parrokkjali hemm għall-bejgħ varjetà ta' Souvenirs tal-Ewwel Tqarbina, Griżma tal-Isqof, kif ukoll ta' Santa Katarina. It-Tapezzerija bix-xbieha ta' Santa Katerina taż-Żejtun jew Key Chains bl-istess xbieha huma rigali sbieħ li japprezzawhom kemm il-kbar, kif ukoll it-tfal.






**Parrocca Zejtun**

Share




Aġġorna ruħek ma' dak li qed isir fil-Parroċċa tagħna. Sibna fuq facebook/Parrocca Zejtun

Avviżi, Ritratti, eċċ.